



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-686/13

X AB
vs
Skatteverket

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 49 TFUE — Libertà ta’ stabbiliment — Leġiżlazzjoni fiskali — Taxxa fuq il-kumpanniji — Ishma — Leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru li teżenta l-qligħ kapitali u, b’mod korrispondenti, li teskludi t-tnaqqis tat-telf kapitali — Trasferiment minn kumpannija residenti tal-ishma miżmuma f’sussidjarja mhux residenti — Telf kapitali li jirriżulta minn telf tal-kambju”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-10 ta’ Ġunju 2015

1. *Libertà ta’ stabbiliment — Dispożizzjonijiet tat-Trattat — Kamp ta’ applikazzjoni — Leġiżlazzjoni nazzjonali li teżenta l-qligħ kapitali u li teskludi t-tnaqqis tat-telf kapitali li jirriżulta minn telf tal-kambju fuq trasferiment ta’ ishma bejn kumpannija u s-sussidjarja tagħha mhux residenti — Rabta ta’ interdipendenza bejn il-kumpanniji kkaratterizzata mill-eżerċizzju ta’ influwenza determinanti — Inapplikabbiltà tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-moviment liberu tal-kapital*

(Artikoli 49 TFUE u 63 TFUE)

2. *Moviment liberu tal-persuni — Libertà ta’ stabbiliment — Leġiżlazzjoni fiskali — Taxxa fuq il-kumpanniji — Trasferiment tal-ishma bejn kumpannija u s-sussidjarja tagħha mhux residenti — Leġiżlazzjoni nazzjonali li teżenta l-qligħ kapitali u li teskludi t-tnaqqis tat-telf kapitali li jirriżulta minn telf tal-kambju — Ammissibbiltà*

(Artikolu 49 TFUE)

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 17-19, 23, 24)

2. L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni fiskali ta’ Stat Membru li, bħala prinċipju, teżenta mit-taxxa fuq il-kumpanniji l-qligħ kapitali mwettaq fuq ishma u li teskludi b’mod korrispondenti t-tnaqqis tat-telf kapitali mwettaq fuq dawn l-ishma, anki meta dan it-telf kapitali jirriżulta minn telf tal-kambju.

Fil-fatt, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta’ stabbiliment ma jistgħux jiġi interpretati fis-sens li jobbligaw lill-Istati Membri jadattaw is-sistema fiskali rispettiva tagħhom sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni

r-riskji eventwali ta' kambju li għalihom ikunu esposti l-kumpanniji minħabba l-fatt li, fit-territorju tal-Unjoni, għadhom jeżistu diversi muniti li bejniethom ma teżistix rata tal-kambju fissa jew leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jippermettu li l-kapital tal-kumpanniji jinħareġ f'muniti ta' Stati terzi.

(ara l-punti 34, 41 u d-dispożittiv)